



Brussell, 12 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5087/26

ECOFIN 7  
UEM 5  
SOC 7  
EMPL 2  
ECB  
EIB

**NOTA**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026 - Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-verżjoni ta' wara l-KEF tal-abbozz ta' konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026.

## RAPPORT DWAR IL-MEKKANIŻMU TA' TWISSIJA 2026

### ABBOZZ TA' KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

#### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JENFASIZZA li fl-2025, it-tkabbir ekonomiku fl-UE kien kostanti, għalkemm modest, appoġġat minn suq tax-xogħol reżiljenti, tnaqqis fl-inflazzjoni u kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli. JIRRIKONOXXI li l-ekonomija globali għadha qed tiffaċċa bidliet strutturali u inċertezza ġeopolitika għolja, li jwasslu għal ambjent estern aktar diffiċli għall-UE. JISĦAQ li l-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet ekonomiċi huwa kruċjali biex jiġu żgurati stabbiltà makroekonomika u tkabbir ibbilanċjat.
2. JISSOTTOLINJA l-importanza kontinwa tal-implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku fis-sejbien, il-prevenzjoni u l-korrezzjoni ta' żbilanċi li jaffettwaw negattivament, jew għandhom il-potenzjal li jaffettwaw negattivament, il-funzjonament tajjeb tal-ekonomija ta' Stat Membru jew tal-unjoni ekonomika u monetarja, jew tal-UE kollha kemm hi. JILQA' r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2026, li jagħti bidu għall-ħmistax-il ċiklu annwali ta' implimentazzjoni tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
3. JILQA' l-analiżi ġenerali fir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija. JINNOTA li parti mill-kunsiderazzjonijiet bejn il-pajjiżi dwar ir-riskji ta' żbilanċi ġiet issimplifikata, bir-Rapport Makroekonomiku Ewropew il-ġdid li fih valutazzjoni tar-riskji għall-istabbiltà makrofinanzjarja tal-ekonomija tal-UE. JAGĦRAF l-importanza li jissaħħaħ l-approċċ olistiku għar-riskji għall-istabbiltà makroekonomika, billi ssir analiżi wiesgħa tal-iżbilanċi makroekonomiċi kollha, b'enfasi fuq l-Istati Membri u tiġi ppreservata l-viżibbiltà kontinwa tad-dimensjonijiet tal-UE u taż-żona tal-euro fl-analiżi. JISĦAQ li r-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija huwa bbażat fuq il-qari ekonomiku tal-Kummissjoni tad-data għall-2024 tat-tabella ta' valutazzjoni, interpretata b'mod li jħares 'il quddiem. JIRRIKONOXXI l-inċertezza tal-previżjonijiet u l-importanza li wieħed iħares lejn il-varjabbli kemm tal-istokk kif ukoll tal-fluss għall-analiżi tar-riskji.

4. JAQBEL B'MOD ĠENERALI mal-valutazzjoni tar-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija rigward l-evoluzzjoni ta' żbilanċi makroekonomiċi u riskji emerġenti. JAGĦRAF li filwaqt li l-inflazzjoni kienet qed tonqos b'mod ġenerali fl-UE u hija mistennija li tibqa' ġeneralment stabbli, il-pressjonijiet inflazzjonarji huma persistenti f'xi Stati Membri. JINNOTA li ż-żieda diverġenti fil-livelli tal-prezzijiet u tal-kostijiet matul l-aħħar snin ta' wara l-pandemija kellha impatt fuq il-pożizzjonijiet relattivi tal-kompetittività tal-kostijiet tal-Istati Membri.
5. JINNOTA li d-djun tal-unitajiet domestiċi u l-korporazzjonijiet naqsu fil-maġġoranza tal-Istati Membri, filwaqt li spiss baqgħu oġhla mil-livelli li jistgħu jiġu spjegati mill-elementi fundamentali ekonomiċi. JINNOTA li filwaqt li t-tkabbir tal-PDG nominali appoġġa l-istabbilizzazzjoni fil-proporzjonijiet tad-dejn tal-gvern għall-PDG fl-2024, għal għadd ta' Stati Membri l-proporzjonijiet tad-dejn għadhom għoljin, u għal ħafna l-proporzjonijiet tad-dejn huma mbassra li jergħu jiżdiedu minħabba defiċits li għad hemm. Fl-istess ħin, għal diversi Stati Membri, il-proporzjonijiet tad-dejn pubbliku huma mistennija li jonqsu.
6. JAGĦRAF li l-prezzijiet għoljin tad-djar u t-tkabbir fil-prezzijiet tad-djar jikkostitwixxu tħassib dejjem akbar f'ħafna Stati Membri, b'dinamika differenti bejn il-pajjiżi. JAGĦRAF li l-provvista inelastika marbuta mal-kostruzzjoni limitata ta' djar ġodda tista' taffettwa serjament l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u tnaqqas il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, filwaqt li b'mod ġenerali tkun ta' piż fuq il-kompetittività reġjonali u nazzjonali, timmina l-attività ekonomika u taggrava l-konsegwenzi soċjali.
7. JISSOTTOLINJA r-reżiljenza kontinwa tas-settur bankarju tal-UE, li żamm profittabbiltà għolja u proporzjonijiet kapitali b'saħħithom. JINNOTA li ż-żieda fis-sehem ta' self li ma jrendix baqgħet limitata.
8. JINNOTA li s-surplus estern persistenti tal-UE u taż-żona tal-euro jirrifletti investiment aktar baxx meta mqabbel mat-tfaddil, minkejja li dan naqas meta mqabbel mal-livell tiegħu ta' qabel il-pandemija. JAGĦRAF li xi Stati Membri b'surpluses esterni sinifikanti akkumulaw assi netti sostanzjali, li jesponuhom għal riskji ta' fluttwazzjonijiet fil-valutazzjoni. JAGĦRAF li l-Istati Membri b'defiċits esterni għoljin jiddependu fuq il-finanzjament estern, u dan iżid mal-vulnerabbiltajiet f'każ ta' żieda fil-perċezzjonijiet tar-riskju. JINNOTA li b'mod ġenerali l-pożizzjonijiet ta' investiment internazzjonali netti negattivi komplew jitjiebu, filwaqt li l-pożizzjonijiet esterni netti pożittivi kbar żdiedu wkoll drastikament.

9. JIEĦU NOTA tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tħejji rieżamijiet fil-fond għas-seba' Stati Membri li ġew identifikati bħala li qed jesperjenzaw żbilanċi jew żbilanċi eċċessivi fir-rebbiegħa tal-2025. JAPPELLA għall-pubblikazzjoni ta' rieżamijiet fil-fond ferm qabel il-pakkett tar-Rebbiegħa tas-Semestru Ewropew 2026.
10. JIEĦU NOTA li għal erba' Stati Membri oħra, il-Kummissjoni kkonkludiet li għadd ta' żviluppi jistħoqqilhom attenzjoni wkoll, anke jekk ma jiġġustifikawx rieżami fil-fond f'dan l-istadju. Dan jinkludi, b'mod partikolari, żidiet akkumulati fil-prezzijiet matul l-aħħar snin u ż-żieda qawwija kontinwa fil-kostijiet ta' unità lavorattiva li huma ta' piż fuq il-kompetittività tal-kostijiet. Barra minn hekk, żidiet rapidi fil-prezzijiet tad-djar u t-tkabbir tal-kreditu jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib.
11. JAPPELLA għal implimentazzjoni effettiva u effiċjenti kontinwa tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku, applikata b'mod trasparenti u konsistenti orizzontalment, flimkien mal-qafas ta' governanza ekonomika riformat, inkorporat fis-Semestru Ewropew. JENFASIZZA l-interazzjonijiet potenzjali bejn varjabbli makroekonomiċi differenti.
12. JAPPELLA lill-Istati Membri jwettqu azzjoni politika f'waqtha mmirata lejn it-tnaqqis tal-vulnerabbiltajiet makroekonomiċi, inkluż billi jimplementaw riformi u investimenti biex jindirizzaw rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, skont is-Semestru Ewropew, b'mod partikolari dawk relatati mal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku.
13. JISSOTTOLINJA li l-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi jsaħħu l-kapaċità tal-Istati Membri li jirrispondu għax-xokkijiet u jappoġġaw it-tkabbir ekonomiku u l-konverġenza, u li t-tnaqqis tal-iżbilanċi jikkontribwixxi għat-tiġid tar-reżiljenza ġenerali tal-ekonomija tal-UE, u jwassal għal effetti kollaterali pożittivi.